MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 1952/2000/1

**Direttur tal-Kuntratti**
**v.**
**General Cleaners Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Settembru, 2000 l-attur ippremetta illi fid-19 ta' Awissu, 1996 is-socjeta` konvenuta ntrabtet li tipprovdi servizzi ta' "housekeeping, cleaning and ancillary services" permezz ta' offerta wara l-hrug ta' sejha ta' offerti mill-attur li giet ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tad-19 ta'Lulju, 1996 – Avviz Nru. 501/96, Dok CSD1; illi l-

ittra ta’ accettazzjoni relattiva nharget mill-attur fil-21 ta’ Awissu 1997 u fl-24 ta’ Ottubru, 1997 dok. CSD2, dok. CSD3 rispettivament; illi sussegwentement is-socjeta` konvenuta naqset li twettaq l-obbligi kontrattwali minnha assunti fosthom li hija naqset li tissuplixxi mpjegati bizzejjed kif hija kienet obbligat ruhha li taghmel fl-offerta fuq citata; illi wara diversi interpellazzjonijiet minn naha ta’ l-attur lis-socjeta` konvenuta biex hija tottempera ruhha mal-obbligi kuntrattwali, ghal liema nterpellazzjonijiet is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti, fid-19 ta’ Settembru 1997, l-attur ittermina l-kuntratt abbazi ta’ l-artikolu 23 subinciz (a) tal-General Conditions of Contract for the Execution of Work in Malta, dok. CSD4; illi l-attur sofra danni kbar minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` attrici (recte ‘konvenuta’) billi huwa kellu jdur fuq oblatur iehor b’offerta aktar oghlja minn dik tal-konvenut, liema danni jammontaw ghal wiehed u sittin elf lira maltin, hames mija disgha u tmenin lira, disgha u ghoxrin il-centezimu (LM61,289.29) (sic!); illi abbazi ta’ l-artikolu 23 subinciz (b) tal-General Conditions of Contract, is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur; illi ghal darb’ohra s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex tottempera ruhha izda hija baqghet inadempjenti, dok. CSD5 u doK. CSD6 rispettivament; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-agir tas-socjeta` konvenuta huwa [recte: hija] irrresponsabbli stante li naqset li twettaq l-obbligi minnha assunti;
2. tiddikjaraha konsegwentement responsabbli ghad-danni kkawzati mill-attur (sic!) bit-terminazzjoni tal-kuntratt;
3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta’ wiehed u sittin elf lira Maltin hames mija disgha u tmenin lira, disgha u ghoxrin il-centezimu (LM61,589.29c) jew somma verjuri ohra hekk stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni abbazi ta’ l-Artikolu 23 sub-artikolu (b) tal-General Conditions of Contract.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Marzu 1998 u 28 ta’ Lulju 2000 bl-ingunzjoni tas-socjeta` konvenuta in subizzjoni.

Is-socjeta` konvenuta debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-Avviz tas-Smigh tal-kawza fid-19 ta’ Ottubru, 2000 naqset li tressaq nota tal-eccezzjonijiet fi zmien moghti lilha mil-ligi u b’hekk waqghet kontumaci.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fil-21 ta’ Gunju, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta laqghet it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni u konsegwentement ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ LM61,589.29 bl-ispejjes kollha tal-kawza u dana wara li ghamlet *inter alia* is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
“Illi t-thassir tal-kuntratt moghti lill-kumpanija mharrka sar bil-hniena tlett gimghat wara li beda, izda jidher li kien dettat minn nuqqas konsistenti min-naha tal-istess kumpanija li ma baghtitx ghax-xoghol ghadd xieraq ta’ impjegati kif kienet intrabtet li taghmel qabel ma giet maghzula;

“Illi, mill-ammont ta’ zmien li ghadda sa ma twaqqfet, johrog car ukoll li l-kumpanija mharrka lanqas kienet ghadha wettqet imqar ghaxra fil-mija (10%) tax-xoghol li tqabbdet taghmel”: ferm inqas mill-kwota ta’ sebghin fil-mija (70%) mfassla bhala limitu biex l-attur jsejjah favur tieghu ir-rata ta’ penali msemmija fil-klawsola 25;

“Illi fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti ssib li, mill-provi mressqin, l-attur kellu jedd li jtemm il-hatra moghtija lill-kumpanija mharrka, u dan sar bi qbil ma dak li jipprovdi l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili;

“Illi jifdal li jinghad biss li fis-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2001, l-attur talab li l-izball tal-pinna fil-hames paragrafu tac-Citazzjoni dwar l-ammont mitlub jissewwa billi jigi jaqbel mal-ammont muri f’cifri. Ma ressaqx l-istess talba dwar l-ammont miktub fit-tieni talba;

“Illi, madankollu, jidher car u bla ebda xkiel li l-ammont veru li l-attur qieghed jitlob huwa dak muri bhala cifri, ukoll ghaliex intwera li dan kien l-ammont li ntalab sa minn

qabel ma nfethet il-kawza, u ghaliex l-attur jiddikjara bil-gurament li, minkejja l-ghadd ta' talbiet ghall-hlas, il-kumpanija mharrka naqset li twettaq imqar parti mill-hlas;

"Illi, ghalhekk, ghall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda tordna l-bidla tat-tieni talba fis-sens li, wara l-kelma "sittin" tizdied il-kelma "elf" kif sar band'ohra fl-att tac-Citazzjoni waqt is-smigh tal-kawza:"

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2001 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija u dawk ir-ragunijiet l-ohra kollha li setghu jingiebu l-quddiem, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici.

Flimkien mar-rikors ta' appell is-socjeta` konvenuta appellanti pprezentat kopja informi tac-citazzjoni fil-proceduri li hija kienet istitwit kontra l-Accountant General, id-Direttur tal-Kuntratti u c-Chief Government Medical Officer kif ukoll diversi atti mehudin mill-istess proceduri.

L-attur appellat ipprezenta risposta fl-24 ta' Lulju, 2001 fejn filwaqt li ddikjara li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza konfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**Ikkunsidrat:-**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti huwa msejjes fuq l-intempestivita` ta' dawn il-proceduri. Infatti jinghad fir-rikors ta' l-appell li dawn il-proceduri kellhom jistennew l-ezitu tal-proceduri stitwiti mill-istess socjeta` kontra l-Accountant General, id-Direttur tal-Kuntratti u c-Chief Government Medical Officer fejn, kif jirrizulta mill-kopja nformi tal-istess proceduri annessi mar-rikors ta' l-appell, kienet qed issir talba sabiex jigi dikjarat li t-terminazzjoni

tal-kuntratt kien abusiv u llegali stante li l-istess socjeta` attrici (konvenuta f'dawn il-proceduri) ma kinitx inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha. F'dawk l-istess proceduri saret ukoll talba ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni.[1] Is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti ghalhekk jidher li huwa fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx tippronunzja ruhha fuq l-ewwel talba, li hi preordinata ghall-akkoljiment tat-tieni talba, sakemm l-imsemmija proceduri ma jigux determinati.

F'dan ir-rigward izda jigi osservat li l-imsemmija proceduri gew determinati b'sentenza ta' din il-Qorti moghtija llum stess fil-kawza Citazzjoni numru 2487/97 li permezz taghha s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Novembru, 2001 giet konfermata minn din il-Qorti u l-appell tas-socjeta` attrici (konvenuta f'dawn il-proceduri) gie michud. B'hekk illum l-indempjenza kontrattwali tas-socjeta` General Cleaners Co. Ltd hija determinata finalment.

Illi minn dan isegwi li l-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti ma ghandu ebda fondament u ghalhekk qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Citaz. Nru. 2487/97 General Cleaners Co. Ltd vs Accountant General et.